**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 1215/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs**
**Thomas Portelli**

**Illum 3 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Thomas Portelli, detentur tal-karta tal-identita' numru: 51669M:

Akkuzat talli fit-23 t'Awwissu, 2013, ghall-habta tat-18:50 hrs, gewwa Triq Santa Agatha, Rabat, Malta:

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBC 958 b'manjiera (a) traskurata (b) perikoluza (c) u bla kont.

2. Talli saq il-vettura EBC 958 b'velocita' aktar milli jmissu.

3. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku, habat ma vettura numru EBB 032 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Joseph Vbugeja.

4. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq Diane Ciangura.

Illi l-Qorti kif diversament presjeduta hatret lil Mr Alec Sultana sabiex jezamina lil Diane Ciangura bil-ghan li jistabbilixxi jekk hiex qed tbati minn dizabilita' permanenti konsegwenza ta' dan l-incident. Konsegwentement, wara li gie esebit ir-rapport tal-istess Mr. Alec Sultana[1], u stante li rrizulta dizabilita' permanenti u ghalhekk ezorbitat il-kompetenza tal-Qorti, din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 4 ta' Frar, 2015.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', full road traffic accident report datat 23 t'Awwissu, 2013, affidavit ta' PS 1195 C. Debattista, certifikat mediku rilaxxjat lil Diane Ciangura, 4 faccati b'ritratti, vehicle details minn Transport Malta mmarkat bhala Dok SC.

**PS 1195 C. Debattista** jghid li kien xoghol gewwa l-Ghassa tar-Rabat fit-23 t'Awwissu, 2013, fejn ghal habta ta' 18:50 hrs dahlet persuna l-Ghassa fejn infurmat lill-Pulizija li kien sehh incident tat-traffiku bejn zewg vetturi gewwa Triq Sant Agata, Rabat, fejn wahda mill-vettura laqtet persuna li kienet miexja fuq il-bankina. Meta mar fuq il-post in kwistjoni, sab lil Diane Ciangura mixhuta mal-art u kienet mugugha, u sab anke z-zewg vetturi li kellhom dan l-incident. Ix-xufier tal-vettura EBB 032, certu Joseph Bugeja jghid li hu u ghaddej bil-vettura gewwa Triq Sant Agata, r-Rabat, ra xi nies u waqaf biex iselmilhom, meta fil-pront, mill-mera ra vettura ohra gejja b'velocita' qawwija, li haditlu l-genb u baqa' tiela' fuq il-bankina fejn hemmhekk laqat lil Diane Ciangura. Ix-xufier tal-vettura l-ohra EBC 958 misjuqa minn Thomas Portelli jghid li hu u jsuq fi Triq Sant Agata, r-Rabat, sab vettura wieqfa quddiemu u ghalhekk ghafas il-brejkijiet izda l-karozza xorta baqghet sejra u sabiex jevita impatt, kiser l-isteering, tela'

[1] Fol 22 tal-process

fuq il-bankina u laqat lil Diane Ciangura. L-ghada tal-incident PS 1195 gabar ic-certifikat mediku ta' Diane Ciangura fejn gew konstatati griehi hfief u aktar tard ha l-verzjoni ta' l-istess Ciangura fejn din qalet li kienet miexja fuq il-bankina gewwa Triq Sant Agata, r-Rabat u osservat vettura wieqfa f'nofs it-triq u warajha giet vettura ohra b'velocita' qawwija li ghal xi raguni telghet fuq il-bankina u laqtitha.

Rat in-nota ta' Dr. Brigitte Gafa' fejn annettiet ir-rapport mahluf bil-gurament, ta' Dr. Alec Sultana, f'liema rapport Dr. Alec Sultana kkonkluda li Diane Ciangura sofriet ingurja f'saqajha l-leminija u ghandha 5% dizabilita' permanenti.

**Dr. Daniel McKeon**, jghid li fit-23 t'Awwissu, 2013 ezamina lil Diane Ciangura li kellha tbengila u abrazjoni fuq irkoppitha x-xellugija kif ukoll kellha tbengil fuq irkoppita u l-ghaksa tas-sieq leminija. Kellha wkoll abrazjoni fuq irkopptiha l-leminija kif ukoll in-naha t'isfel ta' sieqa l-leminija. Jispjega li huwa kklassifika l-griehi bhala hfief. Jghid li kienu ttiehdu x-rays gewwa Mater Dei fejn irrizulta li Diane Ciangura ma kelliex ksur u ghalhekk giet rilaxxjata mill-isptar, inghatat il-krozzi u kellha struzzjonijiet sabiex isserrah sieqa. Hija nghatat il-krozzi ghaliex kellha hafna tbengil u kienet muguwa wkoll u ghalhekk inghatat il-krozzi bhala ghajnuna ghal Diane Ciangura.

**Diane Ciangura**, tghid li tgharaf lill-Thomas Portelli bhala l-persuna li laqatha fl-incident in kwistjoni. Tispjega li hi kienet miexja fuq il-bankina go triq dejqa gewwa r-Rabat u nnutat karozza pparkjata f'nofs ta' triq, meta fil-pront rat karozza ohra faccata taghha gejja direzzjoni taghha. Tghid li l-vettura kienet mini minor u sabiex tevita milli jtajjarha, kellha tidhol gewwa koxxa ta' bieb ta' barra, izda t-tyre tal-istess vettura xorta laqtitha u missitilha saqajha. Tikkonferma li marret l-isptar Mater Dei u giet rilaxxjata dak inhar stess, izda kellha bzonn il-krozzi ghaliex ma setghetx timxi. Konsegwenza ta' dan l-incident hija damet erba' gimghat id-dar u ma setghetx tidhol ghax-xoghol. Diane Ciangura tghid li hija tahdem bhala nurse gewwa Mater Dei u minhabba dan l-incident, wara gurnata xoghol, saqajha tintefah u tkun muguwa, apparti li ezercizzju fiziku sar limitat hafna ghaliha.

**Stephen Cachia**, ghamel ricerka fuq vettura Austin Mizi ta' kulur blu, numru ta' registrazzjoni EBC 958, irregistrata fuq Thomas Portelli, detentur tal-karta tal-identita'

numru: 51669M. Din il-vettura ilha hekk irregistrata mit-13 t'April, 2012. Inoltre ghamel ricerka fuq vettura numru ta' registrazzjoni EBB 032 tal-ghamla Volkswagen Gold ta' kulur beige, irregistrata fuq Joseph Bugeja, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 107675M u ilha hekk irregistrata mill-5 ta' Gunju, 2012.

**Joseph Bugeja**, jghid li kien qed isuq il-vettura tieghu Golf Jetta ta' kulur blu, u dak inhar tal-incident waqaf fit-triq bil-vettura tieghu biex ikellem persuna li kien gharaf. Jghid li kien ilu forsi minuta bil-karozza mixghula u hu go fiha jkellem lil din il-persuna, meta fil-pront sema' hoss kbir gej minn warajh. Jghid li l-vettura li giet minn warajh hija Mini Minor u hija ta' Thomas Portelli, li anke gharaf gewwa l-awla. Jikkonferma li ma kellux hsarat fil-vettura tieghu.

**PS 1195 Conrad Debattista**, mar fuq il-post tal-incident u sab vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBC 958 tal-ghamla Mini Minor irregistrata fuq Thomas Portelli, li anke gharaf gewwa l-awla, kif ukoll sab vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni EBB 032. Jispjega li sabiex Thomas Portelli ma jahbatx mal-vettura l-ohra, kiser ghal fuq il-bankina b'konsegwenza li l-persuna li kienet miexja fuq il-bankina, ntlaqtet. Inoltre jispjega li l-mini minor laqtet il-vettura l-ohra, ghaliex fir-rapport kien anke tnizzel li l-vettura EBC 958 kellha l-hsarat. Il-vettura EBC 958 kellha hsarat fil-mudguard ta' quddiem taz-zewg nahat u l-vettura EBB 032 ma kellha l-ebda hsarat. Is-surgent Debattista jghid li t-tfajla li ntlaqtet giet certifikata li sofriet griehi ta' natura hafifa wara li kienet ittiehdet bl-ambulanza, l-isptar. Jispjega li Thomas Portelli infurmah li kien ghaddej bil-karozza tieghu gewwa Triq Sant'Agata, r-Rabat u sab vettura ohra pparkjata f'nofs ta' triq. Huwa ghafas il-brejkijiet izda l-karozza baqghet sejra, u sabiex jevita impatt mal-karozza li sab quddiemu, kiser ghal fuq il-bankina fejn laqghet persuna li kienet miexja fuq l-istess bankina. Jispjega li t-triq kienet wahda dejqa u jghid li tabelli ma hemmx li jindikaw b'kemm velocita' wiehed ghandu jghaddi biha qalb il-bini.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata tlieta u ghoxrin (23) ta' April, elfejn u hmistax (2015) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fir-Regolamenti 127 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 kif emendat (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur – Legislazzjoni Sussidjarja 65.11);
- Fl-Artikoli 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tat-28 t'April, 2015 il-Qorti kif diversament presjeduta qrat l-Artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' u jigi deciz bi procedura sommarja.

**Thomas Portelli**, jghid li dak inhar tal-incident, huwa ghalaq il-hanut tieghu "grocer" ghal habta tas-7:00 p.m, rikeb il-karozza u beda jsuq. Wara xi ftit sewqan u kien ghadu bis-"second gear", wasal f'punt fit-triq fejn ix-xemx giet f'ghajnejh u hu kellu jghalaq ghajnejh peress li x-xemx ghamietu. Hekk kif rega' fetah ghajnejh, sab karozza wieqfa fit-triq u sid il-karozza kien qed jitkellem ma xi haddiehor fit-triq, u ghalhekk biex jiskansa incident, dawwar l-"isteering" b'konsegwenza li r-rota tal-karozza tieghu habtet mal-bankina u laqat persuna li kienet miexja fuq il-bankina, f'saqajha. Hu nizel mill-ewwel u pprova jtiha ghajnuna. Sahansitra anke meta waslet l-ambulanza, huwa mar maghha. Il-karozza tieghu ma sofriet l-ebda hsarat, tant li seta' jsuq immedjatament wara l-incident. Jikkonferma li ma hemmx proceduri civili pendenti kontrih.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta car li dan il-kaz ta l-bidu tieghu meta Joseph Bugeja waqaf bil-vettura tieghu fi Triq Sant Agata gewwa r-Rabat biex ikellem lil xi nies. Vettura ohra misjuqa minn Thomas Portelli tal-ghamla Mini Minor bin-numru ta' registrazjzoni EBC 958 giet minn wara u sabiex jevita milli jahbat mal-vettura ta' Joseph Bugeja, dawwar u tela' fuq il-

bankina fejn dak il-hin kien hemm Diane Ciangura miexja. Minhabba din il-manuvra Thomas Portelli laqat lill-istess Diane Ciangura bil-konsegwenza li hija sofriet griehi gravi ta' natura permanenti u dan kif iccertifika Mr. Alec Sultana. Illi mill-provi ma hareg ebda element li fil-fatt Joseph Bugeja jew Diane Ciangura ghamlu xi manuvra azzardata li b'xi mod setghu holqu l-accident. Altru minn hekk, Diane Ciangura kienet miexja fuq il-bankina meta ghal xi raguni Thomas Portelli tela' fuq il-bankina u bir-rota tal-vettura tieghu laqat saqajn l-istess vittma fejn soffriet griehi gravi u permanenti.

Il-prosekuzzjoni esebiet l-iskizz (a fol 13) u ritratti li gew mehuda (a fol 15 et seq) ta' fejn kienet il-vettura u Diane Ciangura fil-hin tal-incident. Jidher li mix-xhieda kemm ta' Joseph Bugeja u Diane Ciangura, il-vettura misjuqa minn Thomas Portelli kienet gejja fid-direzzjoni minn wara fejn kien ipparkjat fin-nofs bil-vettura tieghu Joseph Bugeja. Jidher li ghal xi raguni, Thomas Portelli ma waqqafx il-vettura tieghu u sabiex jevita habta dawwar il-vettura u baqa' tiela fuq il-bankina minhabba li ghadda mill-genb fejn laqghet lil Diane Ciangura.

Illi ta' min jinnota kemm mir-ritratti u anki mill-iskizz esebit jidher b'mod car li din it-triq hija wahda dritta fejn sehh il-kaz. Illi ma kienx hemm kisra fit-triq u minhabba f'hekk is-sewwieq seta jinduna bil-vettura wieqfa ferm qabel u ghalhekk seta' jevita dan l-incident. Anzi jidher b'mod car li s-sewwieq kellu vizjoni tajba ta' x'kien hemm quddiemu izda bil-mod kif kien qieghed isuq ikkaguna dan l-accident.

Jidher ukoll mill-istess li Thomas Portelli ma uzax dak il-proper lookout halli jevita dan l-accident. Thomas Portelli sab ruhhu rinfaccjat b'vettura fin-nofs u minhabba nuqqas ta' kontrol tal-vettura tieghu ma kellux hin bizzejjed biex inaqqas il-velocita' jew jieqaf qabel ma sehh l-impatt meta ra l-vettura ta' Joseph Bugeja fin-nofs tat-triq wieqfa. Ghalhekk it-tort ta' dan l-incident hu kollu ta' Thomas Portelli fejn jirrizulta li fil-hin li sehh l-incident, it-triq kienet imdawla bl-art xotta. Illi dawn iz-zewg fatturi ma setghux iffixklu kemm il-vizwali jew il-kontroll tal-istess vettura.
Il-Qrati taghna dejjem tennew fuq kwistjonijiet bhal dawn li huwa d-dmir tax-xufier ta' tal-vettura li tkun qed issuq li jrid izomm iktar kura. Huwa principju ben assodat fir-regoli tas-sewqan li sewwieq irid izomm 'a proper lookout' ghal dak li jkun qed jigri madwaru fit-triq li jkun qed isuq fiha. Huwa m'ghandux biss ikun attent ghal vetturi

ohra li qed jipprocedu fit-triq izda anki ghal kwalsiasi haga ohra li tkun fit-triq specjalemt nies fuq il-bankina jew xi ostakoli ohrajn. Ghalhekk Thomas Portelli naqas milli jzomm "a proper lookout" f'dan il-kaz, u sehh l-incident bi sfortuna li wegghet persuna minhabba nuqqas ta' hsieb u attenzjoni min-naha tieghu.

Illi dan il-punt gie ttrattat diversi drabi mil-Qrati taghna. Hekk, per ezempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet "Pulizija v. Guzeppi Bilocca", deciza fit-12 ta' Frar, 2009, dik il-Qorti qalet hekk:

> "Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "*driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Pulizija vs. Joseph Vella**" - [10.8.1963]) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"**, [17.6.1961]).

Illi fi **"Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd"** (1968), il-Qrati Inglizi kienu irritenew li:-

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead* ***– it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."***

Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor sakemm ma jigiex pruvat li kien hemm htija unikament ikkagunata mill-persuna l-ohra (App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [16.3.1961] ; **"Il-Pulizija vs. John Polidano "** [3.11.1963] ; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn. ). Dan ghaliex il-**"contributory negligence"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."

Illi ghalhekk, kien jinkombi fuq l-imputat li jzomm "a proper lookout" kif spjegat fis-sentenzi hawn imsemmija. It-triq fejn sehh l-incident hija wahda dritta u ma jirrizultax li kien hemm xi haga fit-triq li b'xi mod setghet telfet il-vizwali jew inkella l-kontroll tal-istess vettura. Ghalhekk wiehed seta' b'sens komun isuq b'aktar kawtela u jimxi mar-regolamenti dwar il-livell ta' sewqan permess f'toroq bhal fejn gara l-kaz. Illi f'dawn ic-

cirkostanzi sewwieq ghandu juza aktar kawtela mis-soltu meta jkun ghaddej minn triq li hija dejqa u li b'xi mod jista' jkun hemm vettura ohrajn u persuni mixjin fuq bankina dejqa. Anki kieku kien il-kaz li l-pedestrian u cioe' Diane Ciangura kienet aljenata (li f'dan il-kaz ma kenitx ghax kieku kien ikun hemm konsegwenza ferma aktar serji) meta kienet miexja fuq il-bankina, hija kellha kull dritt li timxi u ma tezonera fl-ebda mument ir-responsabilita' tax-xufier meta suppost ghandu joqghod ferm attent f'cirkostanzi bhal dawk.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b'dak li hemm fl-artikolu 15 (1)(a) (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk wiehed irid jara issa jekk fil-fatt dan is-sewqan kienx wiehed traskurat u/jew inkella perikoluz. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta fil-kawza "il-Pulizija vs Alfred Mifsud" datata 6 ta' Mejju 1997 ghamlet distinzjoni bejn sewqan perikoluz u dak traskurat. Illi din il-Qorti qalet:-

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tarregolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz** [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom.Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*

*Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz flistess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)."*

Il-Qorti wara li rat kemm ir-ritratti esebiti u l-iskizz juri li ma kien hemm xejn li kien qieghed jostakola l-vizwali b'tali mod li Thomas Portelli ma setax jara dak li kien 'in plain view'. Thomas Portelli kellu jimxi b'mod aktar prudenti u josserva dak li kien hemm aktar 'il fuq minnu u jibda jnaqqas il-velocita' tieghu. Dan sabiex jevita kemm habta kif ukoll li jaghmel dik il-manuvra li weggha b'mod gravi lil Diane Ciangura. Kif intqal hawn fuq fis-sentenza citata, il-legislatur pogga s-sewqan perikoluz u dak bla kont bhala l-istess piena. Waqt li dak ta' sewqan traskurat huwa kompriz fis-sewqan perikoluz u dak bla kont. Illi ghalhekk dan l-agir da parti tal-imputat fil-fehma tal-Qorti jammonta ghal sewqan perikoluz u ghalhekk ghandu jinstab hati tal-akkuza ta' sewqan perikoluz fil-konfront tieghu.

**It-Tieni akkuza**

Illi din l-akkuza hija skont dak li hemm fir-regolamenti 127 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 kif emendat. Illi din l-akkuza hija ta' natura kontravenzjonali. Illi mill-atti processwali jidher li Thomas Portelli deher l-ewwel darba sabiex iwiegeb ghall-akkuzi fil-konfront tieghu fl-24 t'Ottubru 2013. Illi l-incident sehh fit-23 t'Awwissu 2013 u ghalhekk kien ghadu fit-terminu. Illi gara pero li minhabba li l-kaz li sehh ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Diane Ciangura, kellhom jinhargu akkuzi godda fil-konfront ta' Thomas Portelli. Illi f'dan il-kaz l-ewwel seduta li saret bl-akkuzi l-godda skont il-verbal li jinstab a fol 32 kienet fl-4 ta' Frar 2015 u ghalhekk kwazi sena u nofs mid-data li sehh il-kaz in kwistjoni. Illi ma ngiebet ebda prova meta Thomas Portelli rega' gie notifikat bl-akkuzi godda fil-konfront tieghu.

Illi jidher mill-atti li fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2013, il-Qorti ma haditx konjizzjoni aktar tal-kaz minhabba nuqqas ta' kompetenza. Jirrizulta li wara dik is-seduta kien

hemm ohra fis-26 ta' Frar 2014 sabiex tinqara l-akkuza. Jidher li l-imputat dakinhar lanqas biss kien notifikat. Fil-21 ta' Mejju 2014 rega' gie differit il-kaz sabiex jinqraw l-akkuzi fil-15 t'Ottubru 2014 fejn ukoll f'din il-gurnata ma gara xejn. Kien biss fl-4 ta' Frar 2015 li nqraw l-akkuzi fil-konfront ta' Thomas Portelli. Ghalhekk fic-cirkostanzi tas-seduti ta' qabel din id-data ma' gara xejn fuq il-kaz. Illi meta regghu inqraw l-akkuzi kien biss dakinhar li l-preskrizzjoni giet interotta meta kien hemm akkuzi godda fil-konfront tieghu. Illi ghalhekk jidher bic-car li f'dan il-kaz it-tieni akkuza ma tistax treggi minhabba l-fatt li giet preskritta wara zmien ta' tlett xhur kienu ghaddew.

**It-Tielet Akkuza**

Illi kemm mix-xhieda tal-istess Joseph Bugeja li huwa sid il-vettura li ghandha numru ta' registrazzjoni EBB 032 kif ukoll l-istess PS 1195 qalu li l-vettura ma kellha ebda hsara minhabba dan il-kaz. Illi ghalhekk fuq nuqqas ta' provi ohrajn u anki minn dak li qalu l-istess xhieda din il-Qorti ma tistax issib htija li Thomas Portelli kkaguna hsara b'mod involontarju fuq il-vettura ghad-dannu ta' Joseph Bugeja.

**Ir-Raba' akkuza**

Illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni mid-difiza dwar il-fatt li n-natura tal-griehi sofferti minn Diane Ciangura kellhom il-konsegwenzi msemmija u cioe dawk ta' natura gravi. Illi ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni harget akkuzi li fil-fatt Diane Ciangura sofriet griehi ta' natura hafifa. Izda wara li nhatar Mr Alec Sultana mill-Qorti sabiex jezamina lil Diane Ciangura gie muri li hija kienet qieghda ssofri minn griehi gravi b'dizabilita' permanenti ta' hamsa fil-mija (5%). Illi minhabba f'hekk dik il-Qorti diversament preseduta astjeniet milli tkompli tisma dak il-kaz minhabba dawk ir-ragunijiet. Illi ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni wara li regghu hargu l-akkuzi fil-konfront ta' Thomas Portelli li kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Diane Ciangura. Ghalhekk dina l-Qorti wara li rat u sabet htija li Thomas Portelli saq b'mod perikoluz kien huwa li kkaguna dan l-accident u bil-konsegwenza t'hekk Diane Ciangura soffriet griehi gravi kif giet iccertifikata minn Mr Alec Sultana. Dina l-Qorti tara li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova li l-griehi sofferti minn Diane Ciangura huma konsegwenza tas-sewqan perikoluz u ghalhekk issibu hati tar-raba' akkuza.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17, 18, 31, 226(1)(a), 328(b), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 127 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 kif emendat (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur – Legislazzjoni Sussidjarja 65.11), issib lill-imputat **Thomas Portelli** hati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u tilliberah mit-tieni (2) akkuza u mit-tielet (3) akkuza u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn Ewro (€2000) liema multa f'kaz ta' nuqqas ta' hlas hija konvertibbli fi prigunerija.

Kif ukoll in vista tas-sejbien ta' htija fir-rigward ta' sewqan perikoluz u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tlett (3) xhur. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja min-nofs il-lejl u minuta tal-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**